MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6

18 ta' Novembru 2019

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti u fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sinjuri Helen Caruana u Victor Galea li kienu għadhom ma waslux.

## 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

6.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

## 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

6.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

6.3.1 ***Ingaġġ ta' Skrivana Skala 15 u Supervisor 16***.
Is-Sindku qal li wara r-rizenja tal-Project's Co-ordinator f'Ottubru jinħtieġ li tiġi mpjegata persuna oħra fuq bażi *full time* sabiex jitkompla l-anadament tax-xogħol fuq barra. Hu kompla billi qal li bħalissa l-ħaddiema m'għandhomx supervizzjoni u minn jidderigihom fix-xogħolijiet ta' kuljum. Barra minn hekk galadabarba kien hemm digà permess għall-ingaġg ta' skrivan/a part time ukoll issa qed jiġi mitlub li dan il-permess jiġi mibdul minn *part time* għal *full time*.

Hu propona wkoll li fuq il-Bord ikun hemm l-Avukat Silvio Brincat, u membru ieħor tal-Kunsill flimkien miegħu bħalha *Chairman* u s-Sinjura Mifsud, Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel ma dawn il-proposti.

6.3.2 ***Direttiva 04/2019 Funzonijiet tal-Kunsilli Regjanali.***
Is-Sur Cordina qal li fost il-funzjonijiet elenkati hemm il-ħruġ tas-sejħa għall-offerti għas-servizz lill-Kunsilli Lokali fi ħdanhom tal-immaniġġar tal-iskart u dan għandu jidħol fis-seħħ b'effett mis-sena 2022, u dan bla ħsara għall-funzjonijiet tal-kunsill lokali skont l-artikolu 33 (1)(b). Is-Sur Cordina qal li l-ġbir ta' skart fuq bażi reġjonali fl-opinjoni tiegħu se jkollu implikazzjonijiet fuq l-indafa fir-raħal u dan għaliex meta jkollok kuntrattur weħed li jrid jagħti servizz li xi ħdax jew tlettax il-Kunsill f'daqqa żgur mhux forsi ħa jkun hemm illaxxkar fis-servizz mogħti li bħalissa fir-raħal tagħna jeċċella. Hu kompla jgħid li ħa jitkellimha waqt il-laqgħa tar-Reġjun ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Novembru sabiex is-servizz jibqa' fuq bażi ta' Kunsilli Lokali separatament u mhux reġjonali. Kulħadd qabel.

L-Avukat Caruana daħlet f'dan il-mument 6.11pm.

Sospensjoni sabiex jitkellem is-Sur Norman Vella rappreżentat tal-kumpanija Bridg-D fuq sistema ta' *Whats App* u *messenger* fejn in-nies ikunu jridu ovvjament jirreġistraw minħabbba *data protection* imma meta kompluta n-nies ikollhom aċċess għall-informazzjoni

u kuntatt iktar dirett mal-Kunsill. Ikun hemm ħlas ta' 2c kull messaġġ. Is-Sur Vella kompla jgħid li llum il-ġurnata 65% tal-popolazzjoni kollha jużgħu il-mobile bħalha mezz ta' komunikazzjoni u kien għalhekk li ħarġu b'din is-sistema fejn qed jippruvaw iħaddmuha ma' 3 jew 4 Kunsilli fuq proġett pilota u wara li tiġi mibnija *database* il-Kunsill ikun jista' jibgħat informazzjoni wkoll. L-Avukat Caruana qalet li b'din is-sistema jiġu frankati spejjeż ta' karta, distribuzjoni u riżorsi.

Eventwalment is-sistema tibda tirrispondi waħidha u tkun kapaċi tissepara n-nies bl-età u saħansitra bit-toroq. Wara li s-sinjuri ħallew il-kamra ġie deċiż li jekk dan il-proġett jirnexxi il-Kunsill bi ħsiebu jikkollabora u jipparteċipa.

## 6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

6.4.1 Is-Sur Alex Mangion:

- Reġa' saqsa jekk irċevejniex risposta fuq it-*Traffic Management* tas-*Central Link*. Kien għad m'hemmx risposta.
- Saqsa kif bqajna fuq il-bins ta' ħdejn l-iskola. Is-Sindku qal li sakemm Greenpak mhux ha tipprovdi sorveljanza bil-cameras u mezz kif jistgħu jiġu rappurtati min jitfa' bl-addoċċ, hu mhux ħa jerfa' responsabbiltà sabiex dawn jerġgħu isiru.

6.4.2 Is-Sur John Bonnici:

- Saqsa fuq il-laned tal-iskart ħdejn il-flats tal-Gvern u ieħor ġdid ħdejn Triq it-Taħħan. L-Avukat Caruana qalet li barra minn Malta meta siefret rat laned tal-iskart bi tlieta. Is-Segetarju Eżekuttiv qalet li simili tagħhom hemm ordnati taħt skema tal-Gvern biex jitwaħħlu fil-ġonna.
- Saqsa fuq il-bus tal-Papa. Is-Sindku qal li dan għadu kemm ġie restawrat is-sena l-oħra u li l-kuntrattur bil-mod qed isur il-*verges* kollha.

6.4.3 Is-Sur Remigio Bartolo:

- Qal fuq iż-żjara ta' Elancourt f'Mejju li ġej bejn l-14-17 fejn il-Kunsill ta' Elancourt barra s-Sindku, hu u l-mara u s-Segretarju Eżekuttiv u r-raġel, il-Kunsill qed jistieden tliet kopji oħra. Iktar il-quddiem jiddeċiedu eżatt min sejjer.
- Ressaq proposta sabiex l-embankment isirlu xi forma ta' dawl fl-entratura għal Ħ'Attard kif ukoll tabella mal-entratura li tispjega l-istorja ta' din l-arkata. Dawn il-proposti ġew aċċettati.

6.4.4 Is-Sinjura Helen Caruana:

- Saqsiet kien hemmx xi żvolta wara l-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Kunsill Lokali Ħal-Lija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mill-aħħar informazzjoni li kellha kienu qed isiru jew ħa jsiru t-traffic counts u li qed jimxu ma dak mitlub mill-Perit tagħna.

6.4.5 Is-Sur Giorgio Schembri:

- Saqsa jekk il-ħaddiema għadhomx jagħmlu xogħol ta' sinjaletika. Is-Sindku rrisponda li iva.

6.4.6 Is-Sinjura Connie Scerri:

- Qalet li kellha laqgħa mal-kuntrattur tal-Ġonna u ftehmu li ħa jiżra' xi ponsjetta u krizantemi.

6.4.7 Dr. Silvio Brincat:

- Qal li antiċipatu L-Avukat Caruana fuq il-laqgħa mal-Kunsill Lokali Lija u li l-bozza ta' ħdejh għadha maqtugħa.

6.4.8 Is-Victor Galea:

- Saqsa jekk il-kirja tal-Uffiċċini l-ġodda għadhiex valida u jekk hemmx xi żvilupp sabiex nipproċedu bix-xogħol u kiri tal-post il-ġdid.

## 6.5 Ġieħ Ħ'Attard 2019

6.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġew riċevuti sebgħa nominazzjonijiet. Id-diskussjoni dwar min għandu jingħata l-Ġieħ Ħ'Attard kellha ssir fil-magħluq u mhux *live streamed* u dan sabiex ma jkunx magħruf qabel is-serata min ħa jingħata l-ġieħ.

## 6.6 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Kwart tas-Sena (Ġunju – Settembru 2019)

6.6.1 Dan ir-Rapport ġie approvat.

## 6.7 Rapporti

6.7.1 Ma kienx hemm rapport.

## 6.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

6.8.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tibdil fl-iskeda ta' ġbir ta' skart fejn propona li l-ħġieġ jinġabar il-Hamis flok il-Ġimgħa biex jiġu evitati tliet ġabriet nhar ta' Ġimgħa. Din il-proposta ha tintbagħat bil-miktub lid-Dipartiment sabiex issir emenda permezz ta' Avviż Legali.

6.8.2 Talba għall-għajnuna u kollaborazzjoni sabiex issir attività fil-festa ta' San Nikola, nhar is-6 ta' Diċembru, fejn fiha se jitqassmu rigali lit-tfal tat-Tielet Sena. Ġiet approvata s-somma ta' €250.

Is-Sur Victor Galea daħal f'dan il-mument 7.06pm.

## 6.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

6.9.1 Approvati wara li s-Sur Victor Galea saqsa jekk B. Grima and Sons jingħatgħux ix-xogħol b'tender jew *direct order.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol jingħata permezz ta' tender.

## 6.10 Mozzjonijiet; u

6.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 6.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

6.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.40pm u ġiet aġġornata għat-23 ta' Diċembru 2019 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 23 ta' Diċembru 2019.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina<br>Sindku | Marica Mifsud<br>Segretarju Eżekuttiv |